MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 950/2005

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**AG Ventures Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm186.58 (mija sitta u tmenin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Bl-ispejjes u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-28 ta' Settembru 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fil-31 ta' Ottubru 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------